# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 9-14

**Data:** 30 ta' Awwissu 2014

**Hin:** 9:30am

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku – skużat
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier
Dorianne Micallef - Ambaxxatriċi tal-Vot 16

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Ms.Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Lulju 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana.

3. **Korrispondenza;**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop ressqet ilment minn diversi residenti li joqgħodu lejn Wied Għammieq, fejn qed jitolbu 'Sleeping Police' minħabba illi l-karozzi qegħdin jitilgħu u jinżlu bi speed qawwi u qed ikunu ta' periklu għal kull minn qiegħed jaqsam minn dawk l-inħawi.

Is-Sindku għandha tkun qed tiċċekja ma' resident partikulari li joqgħod hemmhekk ħalli jkollna aktar informazzjoni fejn l-aħjar li ssir.

3.2 Is-Sindku spjegat illi ser tkun qed tiltaqgħa mal-Kap ta' l-iskola biex tiffirma il-kuntratt li kien ġie approvat fil-Minuti preċedenti bħala sena ta' prova għal-Klassijiet tal-Aerobika.

Is-Sinjura Maria Sultana, issuġeriet illi t-Tlieta meta ser tkun qed tinfetaħ l-iskola għal dawn il-klassijiet tal-Aerobika, kull Kunsillier għandu jieħu l-opportunita' biex jorganizza xi ħaġa fl-istess ħin biex b'hekk inkunu qegħdin nagħmlu użu aħjar tal-iskola kif ukoll minħabba li bħala Kunsill ser inkunu qed noħorġu il-flus.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi ltaqgħet mas-Sur Martin Bonello fejn dan spjegala fuq kumpanijja ġdida 'Gum Squad' fejn dawn huma nies professjonisti jaħdmu fuq tindif ta' 'chewing gums' minn fuq kull tip ta' madum, pavimentar eċċ.

3.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'ilment li rċeviet b'email mingħand residenta bir-ritratti fejn qed juru arbli tad-dawl fin-nofs tal-bankina. Din ir-residenta partikulari spjegat illi la pushchair ma jgħaddi u lanqas persuna li tagħmel użu minn siġġu bir-roti, biex bħala Kunsill insibu soluzzjoni għal dawn ta' l-aħħar.

Is–Sindku ser tkun qegħda tiċċekja ma din l-istess residenta fejn eżatt huma meħudin dawn ir-ritratti minħabba li fl-email ta' din ir-residenta m'hemmx indikazzjoni ta' Triq.

3.5 Il-Kunsill qabel li ma joġġezjonax minn naħa tiegħu lil Każin tal-Banda Sagra Familja biex ikunu jistgħu itellaw attivita' fil-Bajja ta' Rnella fis-6 ta' Settembru 2014.
Il-Kunsill saħaq dwar dan bil-patt u l-kundizzjoni li wara isir it-tindif kollu meħtieġ minn naħa ta' l-organizzaturi

3.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar il–'Freephone System' li ġiet issuġerita mis-Sur Christopher Bruno fil-Minuti preċedenti bħala servizz ġdid minn naħa tal-Kunsill biex inkunu nistgħu ngħinu lit-tfal bil-homework tagħhom.

Il-Kunsill ma jaqbilx dwar dan minħabba l-ispejjeż involuti biex jibda dan is-servizz tat-telephone. Fl-istess hin il-Kunsill kollu jaqbel illi għanda tiġi diskussa aktar din il-kwistjoni biex b'hekk inkunu nistgħu noħolqu l-istess servizz issuġerit mis-Sur Chris Bruno b'differenza li noħolqu klassijiet fil-ġimgħa il-Kunsill bl-għajnuna tal-iskola ukoll. Il-Kunsill taż-Żgħażagħ ser ikunu qegħdin jiġu nvoluti f'dan is-servizz biex ukoll jgħatu l-għajnuna tagħhom lill dawk it-tfal li jkollhom xi problema fil-homework tagħhom.

3.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi għal l-ewwel darba din is-sena il--Pellegrinaġġ tar-roti kif ukoll tal-muturi li jsir kull sena fl-okkażjoni tal-Festa tal- Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar ser ikunu qegħdin jgħaddu mix-Xatt tal-Kalkara.

Il-poster ta' din l-attivita' ser ikun qiegħed jiġi 'mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill fuq 'Facebook". Imwaħħal ma' n-Notice Boards kif ukoll ser jingħataw kopja il- ħwienet tal-Kalkara biex b'hekk kulħadd ikun jaf b'din l-attivita' li ser issir nhar il-Ħadd 14 ta' Settembru 2014

3.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar approvazzjoni li 'rcevejna minn TM fuq it-tabella li ġiet diskussa fil-Minuti preċedenti għal-'Loading' u Unloading' in-naħa tax-Xewkija biex b'hekk inkunu nistgħu ngħinu aktar lis-sajjieda Kalkariżi. It-tabelli ser ikunu ordnati aktar tard dan ix-xahar u jitwaħħlu minnufih kif ikunu f'idejna.

3.9 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar ittra li rċevejna minn TM fuq 'Yellow Box' miżbugħa bla permess fis-snin preċedenti fi Triq is-Salvatur. Din ser tkun qed tiġi imneħħija mill-ħaddiema tal- Kunsill minnufih.

3.10 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-Playing Field tal-Kalkara, fejn hi personali iltaqgħet ma' persuna li jaħdem fuq dawn l-affarijiet u spjegala li hemm xi affarijiet li hemm bżonn jiġu rranġati minħabba illi ilhom li saru aktar minn 13-il sena. Dan l-istess persuna tagħna kwotazzjoni. Is-Segretarja għandha ġġib aktar kwotazzjonijiet dwar l-istess xogħolijiet li jridu isiru biex wieħed ikun jista jagħmel paragun.

Fl-istess hin il-Kunsill qabel illi għandna bħala Kunsill niċċekjaw dwar xi fondi eleġibbli (E.R.D.F.) biex b'hekk fi żmien li ġej inkunu nistgħu napplikaw għalijhom biex inkunu nistgħu nagħmlu 'Refurbishment' ta' l-istess 'Playing Field' kif suppost.

3.11 Is-Sindku enfazizzat illi meta Kunsillier ikun qiegħed jgħamel xi attivita' f'isem il-Kunsill Lokali, il-posters u l-avviżi għandhom jiġu mgħoddija lill- Kunsill u preparati minn naħa tal-ħaddiema tal- Kunsill u bl-arma tal-Kunsill viżibli.

3.12 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar fondi li konna rċevejna minn Smart City rigward korsijiet tal-kompjuter għal 3 studenti Kalkariżi. Is-Segretarja għandha tkun qed tiċċekja mal kumpanija fejn għamlu dan il-kors dwar l-irċevuti fiskali biex b'hekk ikun jista' jinħareġ iċ-ċekk minn naħa tal-Kunsill.

**4. Punti imqajjma mill-Kunsilliera dwar Jum il-Kalkara 2014**

a.Is-Segretarja ġiet mitluba tiċċkejka mal-Kap ta' l-iskola dwar id-Disponibbilta' tas-sala fis-6 ta' Diċembru 2014 biex b'hekk inkunu nistgħu ngħarrfu lil Għaqda konċernata' li din is-sena imissha itella' il-Kunċert Mużikali ta' Jum il-Kalkara.

b. Il–Kunsill qabel illi għas-sena 2015 għandna inlaqqaw liż-żewġ Każini tal-Baned biex b'hekk insibu kompromess u l-kunċert jibda isir f'Jum il-Kalkara propja i.e. 10 ta' Diċembru, u mhux f'ġurnata oħra kif kien qiegħed isir għal dawn l-aħħar snin.

c. Il-programm ser ikun qed jiġi preparat kif ikollna id-data ikkonfermata minn naħa tal-Kap ta' l-iskola b'dawn il-punti imsemmija hawn taħt;

Quddiesa filgħodu għat-tfal ta' l-iskola Primarja,
Attivita' tat-tlugħ tal-Bandiera tal-Kunsill, kif ukoll kant mit-tfal ta' l-Innu tal-Kalkara,
Attivitajiet u żjarat għal kull klassi ta' l-iskola madwar il-Kalkara,
Preżentazzjoni tal-istickers mit-tfal bl-għajnuna tal- Green Pak,
Preżentazzjoni ta' ċertifikati tal-korsijiet li saru matul is-sena,
Riċeviment.

**5. Komunikkazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li is-Sur Gaffiero minn Gaffiero Productions wera x–xewqa li jtella' 'Fashion Show' fix-Xatt tal-Kalkara. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi hi ser tkun qegħda tieħu ħsieb illi ġġib permess mill-Kappillan kif ukoll mill-Kurja biex din il-'Fashion Show' issir fuq it-taraġ tal-knisja.

5.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi kellha telefonata minn Kastilja fejn infurmawha illi id–Dukessa ser tkun qed iżżur il-Kottonera kif ukoll il-Kalkara meta tkun Malta u li jkun ġest sabiħ li bħala Kunsill noffrula xi ħaġa ta' tifkira tal-lokalita' tal-Kalkara.

Is-Sindku spjegat illi ġabet kwotazzjoni minn residenta li għandha delizzju bit-tpinġijiet fuq il-bajd li din tammonta għal €300. Din se tkun indurata bid-deheb kif ukoll impinġija bl-idejn. Din ser ikolla l-arma tal-Kalkara.Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sur Vince Bongailas issuġerixxa illi f'okkażjonijiet bħal dawn għandna ninvolvu ir–residenti Kalkariżi li jagħmlu xogħol ta' l-idejn u naraw x'offerti jiġu bihom, imbgħad bħala Kunsill nagħżlu l-aħjar.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar Ittra ta' ringrazzjament li 'rċeviet minn għand is–Sea Cadets fejn dawn irringrazzjawna tas-servizz li offrejnilhom fix-xahar preċedenti dwar ilment ta' mera.

5.4 Is-Sindku nfrumat lill-Kunsill dwar applikazzjoni li ser tkun qegħda tagħmel għal lampa fi Triq Rnella kif iddur għal mal-bajja tar-Rnella.

5.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi ser ikunu qegħdin jintbgħatu ittri lir-residenti Kalkariżi biex ninfurmawhom li bħal kull sena dwar l-injezzjoni ta' l-influwenza li ser tkun qed tingħata fil-Berġa.

5.6 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar żewġ attivitajiet li ser ikunu qed jitellaw f'isem il-Kunsill Lokali għal żmien tal-Haloween fid-dati msemijja: Il-Ħadd 26 ta' Ottubru 2014 w is-Sibt 31 ta' Ottubru 2014.

Ser ikunu qed jitqassmu notifiki dwar dan f'kull residenza fil-Kalkara.

5.7 Is-Sindku nfrumat lill-Kunsill illi ltaqgħet maż-Żgħażagħ Franċiżi li kienu mistednin minn naħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ tal-Kalkara fiż-żewġ Każini tal Banda tal-Kalkara, fejn tat preżentazzjoni f'isem il-Kunsill kif ukoll baqgħet ftit tal-ħin magħhom.

5.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar notifika li rcevejna minngħand Ms.Beverley Saliba mill Ministeru taż-Żgħażagħ, fejn ġejna mgħarrfa illi jekk hemm xi Żgħażagħ fil-Kalkara 'nteressati li jipparteċipaw f'xi proġett Malta w anke barra minn Malta għandna ngħarrfu lill din il-persuna imsemmija biex b'hekk jidħlu fiċ-ċans li jipparteċipaw f'isem il -Kunsill Lokali Kalkara.

5.9 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar l-attivita' b'risq l-iStrina li saret aktar kmieni fix-xahar ta' Awwissu, fejn inġabru €1643.16. Dawn il-flus ser jiġu preżentati formalment lil persuni 'nvoluti fl-iStrina 2014 aktar tard f'Diċembru.

5.10 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi fl-Aġenda tas- Seduta li jmiss ser tkun qed tiġi imniżżla bħala punt importanti l-attivita' tal-Milied 2014.

5.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ħarġa għall- anzjani f'Għawdex li ser tkun qed torganizza fiż-żmien qarib.

## 6. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 *Kunsillier-Is-Sur Vincent Bongailas*

a. Is-Sur Vince Bongailas reġa qajjem il-punt dwar il-garaxx kummerċjali fi Triq l-Isptar Navali li għandu il-'Yellow Line' immarkat ma' l-art. Huwa issuġerixxa illi nġibu l-informazzjoni mit-'Trading Unit' dwar ta' minn hu dan il-garaxx u jekk għadux jintuża bħala ħanut biex jekk le aħna bħala Kunsill għandna ineħħu il-'Yellow Line' biex b'hekk nirbħu żewġ parkeġġi oħra għar-residenti.

Is-Segretarja ser tkun qed tiċċekkja dwar dan fiż-żmien li ġej.

b. Is-sur Vince Bongailas għadda kumment pożittiv dwar il-fanali li twaħħlu fi Triq l-Isptar Navali, li dawn twaħħlu minn naħa tal-Kunsill. Huwa qal ukoll illi it–triq ġiet imdawla kif suppost issa.

### 6.2 *Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti*

a. Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi il-Kunsill taż-Żgħażagħ għandu jinforma lill-Kunsill kollu b'dak li jkun qiegħed iseħħ minn naħa tagħhom dwar l-attivitijaiet kif ukoll kwalunkwe ħaġa oħra li huma jkunu qegħdin jagħmlu f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

**b.** Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ix-xewqa / suġġeriment biex nippruvaw bħala Kunsill nirranġaw il-latrini tax-Xatt fil-Kalkara, minħabba ħafna lmenti li kienet qegħda tirċievi fuq il-ħmieġ kif ukoll atti vandali li qegħdin iseħħu minħabba illi ma jkunx hemm persuna mal-latrina waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Is-Segretarja ser tkun qeda tiċċekja dwar dan fiż-żmien li ġej biex b' hekk noħolqu sistema aħjar ta' persuna w innaqsu dawn l-atti imsemmijin.

**c.** Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi hemm bżonn illi it-toqob ta' l-arbli tal-festa għadda żmien biżżejjed mill-festa ta' din is-sena u għandom jiġu mgħaluqa bħas snin ta' qabel għaliex kif qegħdin għadhom perikolużi għar residenti.
**d.** Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ilment li fi Triq Straubenzee fejn hemm ħajt partikulari qed jaqa u huwa ta' periklu immens għar-Residenti li jgħaddu bil-mixi minn hemm. Talbet biex tintbgħat email lill- M.E.P.A kif ukoll lill-ispettur tal-Pulizija.
**e.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu ħsieb il-pots tal-pjanti kif ukoll jinżabar il-ħaxix tad-dawra ta' Rnella fejn il- Married Quarters speċjalment.
**f.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-grada tal- bandli tal-Kalkara tiġi rranġat minħabba li kienet qegħda tinqala minn posta.
**g.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex is-Segretarja tiċċkeja fuq Triq Rnella biex din tiġi One Way kif ukoll isir passaġġ mal-ġenb ta' l-istess triq, minħabba li din hija triq perikoluża immens kemm għan nies li jkunu mexjin kif ukoll għas-sewwieqa.
**h.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Segretarja biex issir il-'payment' tas-Sur Noel Castillo ta' l-attivita' li kien għamel fis-sena 2013 mill aktar fiss possibli.

i. Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-pott li hemm tostakola il-passaġġ fuq il-bankina ta' fejn l-istess Kunsill tiġi impoġijja mal ġenb sakemm jitlesta il proġett minn naħa ta' l-M.C.S.T.
j. Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ilment mingħand ir-residenti dwar it-tabib li jkun il-berġa filgħodu fejn dawn qalula li kien qiegħed ikun żorr magħhom. Is-Segretarja kellha tiċċekja mal-persuna responsabbli tal-berġa biex tara x'inhi is-sitwazzjoni fil-verita.
k. Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Segretarja biex tinforma lil Green Pak dwar l-attivita' li kienet ser titella' magħhom fuq l-istickers tat-tfal li ser jiġu imwaħħlin f'Jum il-Kalkara.
l. Is-Sinjura Maria Sultana ressqet kumment pożittiv dwar l-attivita li saret il-bandli tal-Kalkara fejn it-tfal ġew mgħotija ġelat kif ukoll dawn l-istess tfal marru Smart City. L-ispejjeż żejda ta' din l-attivita' ġew maħruġa mill-Kunsilliera Maria Sultana.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fin-12:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fil-5:30pm.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**